# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 302 – It-Ħamis 4 ta' Ġunju, 2015

## AĠENDA

Talba

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti
3. Mozzjonijiet
4. Offerti u Kuntratti
5. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-sur Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 301 u ikunu approvati bħala dokument korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Tiġdid tal-Website**

Is-Sindku qal li kien lesta s-sejħa għall-offerti u l-publikazzjoni tagħha kienet se toħroġ fil-jiem li ġejjin.

**2.2 Twaqqif ta' Sotto Kumitati u Tfassil ta' pjan ta' ħidma**

Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin kien se jiffissa appuntament individwali ma' kull kunsillier biex jiddiskuti magħhom materji relatati, qabel ma ssir laqgħa straordinarja tal-Kunsill li matulha jiġi iffinalizzat il-pjan ta' ħidma u attivitajiet.

**2.3 Festa ta' San Nikola – Laqgħat mas-sidien tan-negozji u diriġenti tal-għaqdiet**

Is-Sindku qal li dawn il-laqgħat se jsiru s-Sibt 6 ta'Ġunju u l-Ispettur Kylie Borg ikkonfermat il-preżenza tagħha.

Is-Sindku irrimarka mill-ġdid dwar xi talbiet li l-kunsilliera jista' jkollhom dwar il-gabbani, kemm mis-sidien tagħhom kif ukoll mir-residenti. Huwa qal li l-Kunsill huwa obbligat li josserva b'mod preċiż ir-regolamenti dwar il-posti tal-gabbani, kif ukoll jagħmel minn kollox biex inaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent lir-residenti. Huwa qal ukoll li rigward il-gabbani tal-ġugarelli żdiedet il-klawsola li "huwa projbit li jsir bejgħ ta' kull tip ta' logħob tan-nar. Il-Kunsill jikkunsidra li jieħu dawk il-passi meħtieġa fil-konfront ta' kull min jikser xi wieħed minn dawn ir-regolamenti."

**2.4 Festa ta' San Nikola – wirjiet fiċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-preparamenti għall-wirja dwar Dr Nikola Zammit u wirja ta' pittura dwar is-Siġġiewi kienu mexjin. Huwa qal li se jsiru l-istess arranġamenti ta' sigurtà bħalma saru s-sena l-oħra.

**2.5 Newsletter tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li min għandu xi materjal li jixtieq jiddaħħal fil-ħarġa li mistennija toħroġ qabel il-festa ta' San Nikola, għandu jikkuntattjah b'mod immedjat.

**2.6 Railing f'Għar Lapsi**

Is-Sindku qal li dawn kienu tlestew.

**2.7 Arbli fit-Triq tal-Bajjada u t-triq li tagħti għall-Fawwara**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-protest ġudizzjarju kien għadu qed jitħejja.

**2.8 Bollards fil-Pjazza**

Is-Sindku qal li dawn kienu ġew ordnati.

**2.9 Xogħolijiet ta' resurfacing fi Triq in-Newba u Triq id-Dejqa**

Is-Sindku qal li rigward triq id-Dejqa x-xogħol se jitħalla għal wara l-festa, filwaqt dak ta' Triq in-Newba, jekk hu possibli isiru qabel il-festa.

**2.10 Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li f'laqgħa li kellu mal-Perit tal-Kunsill kien qed jistudja d-diversi suġġerimenti u kellu jħejji l-pjanti adegwati biex jekk hu possibli dawn jiġu attwati.

**2.11 Traffiku ta' trakkijiet fi Triq Karmenu Vassallo**

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li fi Triq Karmenu Vassallo speċifika li ma hemmx tabella li tindika li *heavy vehicles* ma jistgħux jużaw l-imsemmija triq. Is-Sindku qal li jidher li din inqalgħet għalhekk se terġa' tiġi ordnata.

# 3 FINANZI

## 2.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 MOZZJONIJIET

## 4.1 Mozzjoni Dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Lapsi

Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Domnic Grech u issekondata mill-Kunsillier Nicholas Cassar taqra:

"Qiegħed inressaq din il-mozzjoni bl-għan li nibdew il-preparamenti neċċessarji sabiex Triq Lapsi tiġi *one-way* mid-direzzjoni ta' għar Lapsi u minn Triq il-Lewża (traffiku li ġej mit-triq tar-Rabat). għaldaqstant l-alternattiva għal dan tkun li t-traffiku jibda jgħaddi minn Triq ta' Kilpa, minflok ma' jibqa' għaddej minn Triq Lapsi kif qiegħed isir fil-preżent.

"L-għan ewlieni ta' din il-proposta hu sabiex jiġi evitat t-traffiku eċċessiv li qiegħed jinħoloq bejn Triq Lapsi u l-bidu ta' Triq l-Imqabba. Aktar minn hekk ir-residenti ta' Triq l-Imqabba qegħdin jiġu affaċċjati ta' kuljum b'ammott kbir ta' traffiku tul il-ġurnata, b'mod partikolari fil-ħinijiet bikrija ta' filgħodu u fil-ħinijiet ta' filgħaxija, mill-5.00pm 'il quddiem. Wieħed ta' min isemmi wkoll il-periklu li qegħdin ikunu esposti għalih it-tfal, b'mod partikolari fil-ħinijiet ta' filgħaxija meta jkunu sejrin jattendu għall-lezzjonijiet tal-Museum, u jkollhom jgħaddu minn din it-triq. Ta' minn jgħid ukoll li waħda mir-raġunjiet li wasslet għal din iż-żjieda konsiderevoli ta' traffiku hu l-fatt li kemm ilha li tranġat it-triq mir-Rabat għas-Siġġiewi, l-ammont ta' traffiku f'din it-triq żdiet b'mod konsiderevoli.

"Għaldaqstant, qiegħed nipproponi li t-traffiku mid-direzzjoni ta' Għar Lapsi u r-Rabat jibda jgħaddi minn Triq ta' Kilpa għall-fatt li din it-triq hi ferm inqas

residenzjali u traffikuża u fl-istess waqt nkunu qed innaqsu il-possibiltajiet ta' inċidenti tat-traffiku żejda fit-toroq residenzjali imsemmija.

"Qiegħed inressaq din il-proposta wkoll wara li fil-ġimgħat li għaddew iltqajt u tkellimt ma' għadd ta' residenti minn dawn in-naħat fejn ilkoll esprimew ix-xewqa tagħhom li tittieħed xi tip ta' azzjoni sabiex din il-problema ta' traffiku tiġi indirizzata. Filwaqt li apprezzaw il-konsultazzjoni li kienet saret magħhom mill-Kunsill preċedenti, jemmnu li wasal iż-żmien li din il-problema tiġi indirizzata b'mod aktar konkret.

"Għaldaqstant, qiegħed inressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni u l-konsiderazzjoni tagħkom."

Waqt diskussjoni dwar din il-mozzjoni, is-Sindku qal li din il-materja ġieat dikussa diversi drabi. Mil-laqgħat li huwa kellu mar-residenti kemm ta' Triq Lapsi kif ukoll ta' Triq l-Imqabba jidher ċar li mhemmx qbil bejniethom dwar diversi punti fosthom dawk proposti f'din il-mozzjoni.

Huwa għalhekk kien qed iressaq emenda li taqra:

"Ħassar il-kliem li jinsab fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet, fir-raba' u fil-ħames paragrafu tal-mozzjoni kif ippreżentata mill-Kunsillier Dominic Grech nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju 2015 u ssostitwixxi bil-kliem:

"Billi huwa meħtieġ li titħejja skema ġdida ta' *traffic management* għaż-żona li tiġi bejn Triq Lapsi, it-triq li tagħti għal Għar Lapsi, Triq Ta' Kilpa u Triq Ta' Bur il-Kbir kif ukoll li l-istess skema ġdida ta' *traffic management* tkun tinkludi *roundabout* kif ukoll *pedestrian crossings*;

"U billi huwa meħtieġ li Triq ta' Kilpa tingħata wiċċ ġdid wara li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tkun wettqet dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex fl-imsemmija triq jkun hemm sistema ta' drenaġġ pubbliku kif diġà qiegħed jiġi mitlub li jsir minn numru ta' persuni li joqgħodu jew għandhom proprjetà fl-imsemmija triq;

"U billi huwa meħtieġ li t-traffiku li jkun ġej minn Triq Ta' Bur il-Kbir jiġi mħeġġeġ jgħaddi mit-Triq Ta' Kilpa minflok minn Triq Lapsi u eventwalment Triq l-Imqabba u dan bil-għan li jitnaqqas il-periklu għar-residenti ta' Triq Lapsi u ta' Triq l-Imqabba;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum il-Ħamis, 4 ta' Ġunju 2015,

"Jirriżolvi li għandha titħejja skema ġdida ta' *traffic management* għaż-żona li tiġi bejn Triq Lapsi, it-triq li tagħti għal Għar Lapsi, Triq Ta' Kilpa u Triq ta' Bur il-Kbir b'dan illi din l-iskema ġdida ta' *traffic management* għandha tinkludi *roundabout* kif ukoll *pedestrian crossings* skont kif ikun meħtieġ;

"Jirriżolvi li jibda l-proċess sabiex jingħata wiċċ ġdid lit-Triq Ta' Kilpa b'dan illi qabel issir kwalunkwe xogħol, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għandha tagħmel dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex fl-imsemmija triq jkun hemm sistema ta' drenaġġ pubbliku kif diġà qiegħed jiġi mitlub li jsir minn numru ta' persuni li joqgħodu jew għandhom proprjetà fl-imsemmija triq; u

"Jirriżolvi li jitlob lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta sabiex tikkunsidra li bħala prova għall-perjodu stabbilit, it-traffiku li jkun ġej minn Triq Lapsi fid-direzzjoni ta' Pjazza San Nikola ma jkunx jista' jdur għal Triq l-Imqabba b'dan illi din ir-restrizzjoni għandha tkun indikata b'mod ċar fil-parti ta' Triq Lapsi li tmiss ma' Triq Ta' Kilpa u Triq Ta' Bur Il-Kbir u dan biex it-traffiku jkollu jgħaddi minn Triq Ta' Kilpa.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura – l-Onor. Joe Mizzi, lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, kif ukoll lir-residenti ta' Triq Lapsi, Triq l-Imqabba u Triq Ta' Kilpa."

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 Mozzjoni dwar il-venda tal-Karrozzi tal-Linja fi Pjazza San Nikola**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ressaq mozzjoni sekondata mill-Kunsillier Nicholas Cassar li taqra:

"Billi l-venda tal-karozzi tal-linja tinsab fil-pjazza tas-Siġġiewi, wieħed irid jassigura li dawn l-istess karozzi ma jostakolawx it-traffiku fil-pjazza kif ukoll ilqugħ kontra xita u xemx għan-nies li jkunu qed jagħmlu użu minn dan is-servizz.

Għaldaqstant il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum il-Ħamis 4 ta' Ġunju 2015:

1. Jirriżolvi li jħares dan imsemmi hawn fuq billi jibda l-proċedura sabiex il-karozzi tal-linja jerġgħu jibdew jieqfu u jistennew f'parkeġġ apposta quddiem il-kappella ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann.
2. Jirriżolvi li jibda l-proċess sabiex fil-viċinanzi tal-kappella u l-venda fil-pjazza msemmijin hawn fuq, jkun hemm *bus shelter* man-naħa tal-hajt taċ-Ċentru Ċiviku."

Waqt id-diskussjoni dwar il-mozzjoni, fost ħwejjeġ oħra, is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġà applika mal-MEPA biex għall-ewwel darba jitwaqqaf *bus shelter* fil-Pjazza, liema applikazzjoni ġiet approvata. Huwa ovvju li *bus shelter* fil-Pjazza jista' jħalli impatt negattiv fil-lat ambjentali u estetiku.

Wieħed irid ifakkar li skont l-iskeda oriġinali tat-trasport pubbliku, il-karrozzi tal-linja kien ippanat li fil-pjazza ma jkunux stazzjonarji imma iniżżlu u jgħabbu biss il-passiġieri. Dan il-ftehim sfortunatament jidher li ftit li xejn ġie u qed jiġi osservat.

Is-Sindku qal ukoll li kien ukoll li għal diversi raġunijiet kien kontra li x-xarabanks

jerġgħu jitpoġġew quddiem il-Knisja ta' San Ġwann. Huwa għalhekk ressaq emenda għall-mozzjon, issekondata mill-Viċi Sindku Dr Alessia Psaila Zammit, *li* taqra,

*"Ħassar il-kliem li jinsab fl-ewwel u fit-tieni paragrafi kif ukoll fil-punti bin-numri wieħed (1) u tnejn (2) tal-mozzjoni kif ippreżentata mill-Kunsillier Clayton Cutajar nhar l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2015 u ssostitwixxi bil-kliem:*

"Billi l-vetturi tat-trasport pubbliku li joperaw minn u lejn is-Siġġiewi qegħdin jitħallew ipparkjati jew weqfin jistennew għal ħinijiet twal fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi b'mod li dawn qegħdin ta' spiss jostakolaw jew ikunu ta' periklu għar-residenti u għall-bqija tat-traffiku;

"U billi huwa meħtieġ u xieraq li fi Pjazza San Nikola jitwaqqaf *bus shelter* sabiex jintuża mill-persuni kollha li jagħmlu użu mis-servizz tat-trasport pubbliku;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi diġà kiseb il-permess meħtieġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar u li għandu n-numru ta' referenza DN/01996/14 sabiex għall-ewwel darba jitwaqqaf *bus shelter* fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi;

"U billi għandu jsir sforz sabiex ma jkomplux jonqsu l-ispazji għall-parkeġġ ta' vetturi privati fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi;

"U billi mhux xieraq li vetturi tat-trasport pubbliku jitħallew jiġu ipparkjati jew wieqfa jistennew quddiem il-Knisja ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann fi Pjazza San Nikola u dan kemm minħabba l-valur storiku ta' din il-Knisja kif ukoll minħabba li fiha jinżamm espost Ġesù Sagramentat għall-qima;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum il-Ħamis, 4 ta' Ġunju 2015, jirriżolvi li jitlob lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u lill-kumpanija Malta Public Transport Service (Operations) Limited sabiex jiżguraw li l-vetturi tat-trasport pubbliku li joperaw minn u lejn is-Siġġiewi ma jitħallewx aktar ipparkjati jew weqfin jistennew fi Pjazza San Nikola b'mod li jkunu qegħdin jostakolaw jew ikunu ta' periklu għar-residenti u għall-bqija tat-traffiku;

"Jirriżolvi li l-ebda vettura tat-trasport pubbliku m'għandha tipparkja jew titħalla wieqfa quddiem il-Knisja ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi; u

"Jirriżolvi li jirrevedi l-iżvilupp li diġà huwa approvat mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar u li għandu n-numru ta' referenza DN/01996/14 b'dan illi filwaqt li għall-ewwel darba għandu jitwaqqaf *bus shelter* fi Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi fl-istess waqt għandu wkoll ikun żgurat li dan l-iżvilupp ikollu l-inqas effett possibbli fuq l-ispazju li fil-preżent huwa allokat għall-parkeġġ ta' vetturi privati fl-istess Pjazza San Nikola.

"Kopja ta' din il-mozzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura – l-Onor. Joe Mizzi, lill-Arċipriet tas-Siġġiewi – il-Kanonku Rev. Joseph Grech, lill-kumpanija *Malta Public Transport Service (Operations) Limited* kif ukoll lill-Ispettur tal-Pulizija inkarigat mill-lokalità tas-Siġġiewi."

L-emenda ġiet approvata b'mod unanimu.

# 5 OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### 5.1 Sejħa għall-kwotazzjoni *Public Liability Insurance*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*cover* ta' din l-assikurazzjoni kien għalaq fit-28 ta' Mejju. Huwa għalhekk talab tliet kwotazzjonijiet biex ikopru l-perjodu bejn it-28 ta' Mejju 2016 u s-27 ta' Mejju 2017. Mill-kwotazzjonijet li daħlu jidher li dik tal-kumpanija *Citadel* hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-Sindku ippropona li għandna napprovaw din il-kwotazzjoni. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.2 Kuntratt Patching LCS 34/12

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-31 ta' Mejju, 2015 skadiet it-tieni sena tal-imsemmi kuntratt.

Is-Sindku ippropona li dan il-kuntratt għandu jiġġedded għat-tielet sena tiegħu. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 5.3 Kuntratt Provision of street lighting installation & mainteance services

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Awditur ġibed l-attenzjoni li minkejja li dan il-kuntratt man-Nexos preżentament huwa fuq bażi indefinittiva, sakemm jingħataw struzzjonijiet oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, xorta waħda għandna ittra kull sena lill-kuntrattur fejn ninfurmawh bl-estensjoni.

# 6 HWEJJEĠ OHRA

### 6.1 Ġbir ta' Skart Riċiklat

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-ewwel 14-il ġimgħa tas-sena, i.e. mill-bidu tas-sena sal-5 t'April il-medja ta' ġbir ta' skart domestiku kien ta' 6,032.5 kgs fil-ġimgħa. Meta l-mira nazzjonali għas-Siġġiewi hija ta' 6,880kg, dan ifisser li qed nilħqu 88 fil-mija tagħha. Komparata ma' bliet u rħula oħrajn, din hija tajba ħafna. Huwa kompla jgħid li bi sforz komuni din il-mira tista' tintlaħaq.

F'laqgħa li kellu ma' rappreżentant tal-*Wasteserv* flimkien mal-Kunsillier Domnic Grech, intlaħaq ftehim informali li fix-xhur li ġejjin il-Wasteserv tipprovdi persuni li jduru bieb bieb biex ikellmu lin-nies dwar kif jistgħu jiriċiklaw aħjar.

F'dan ir-rigward anki l-GreenMt lesta li tipprovdi l-għajnuna tagħha.

**6.2 Korsijiet matul is-sajf fiċ-Ċentru Ċiviku**

Il-Viċi Sindku infurmat lill-Kunsill li matul is-sajf se jsiru dawn il-korsijiet:

- First Aid Course (12+)
- Tpinġija (10+)
- Drama (10+)
- Mediaevel sessions (10+)
- Ikids (5-10 snin)
- Kors ta' divertiment (5-10 snin)
- Eżerċizzju fiżiku (Yoga, zumba u aerobics)

L-applikazzjonijiet għal dawn il-korsijiet huma miftuħin

**6.3 Life Long Courses Xitwa 2015-16**

Il-Viċi Sindku infurmat lill-Kunsill liminn Ottubru li ġej se jitkomplew dawn il-korsijiet tal-Life Long Learning:

- Taljan
- Bizzilla
- Beading
- Psikoloġija
- Spanjol

**6.4 Spazji temporanji ta' parkeġġ**

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li billi matul il-jiem tal-festa ma jkunx hemm aċċess għall-parkeġġ fil-Pjazza, ipproponiet li jsiru spazji temporanji ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. Dawn jistgħu isiru fi Triq San Ġakbu, wara l-Knisja ta' San Ġwann.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.5 Ħarġiet għall-persuni b'diżabilità matul is-sajf**

Is-Sindku qal li is-sinj. Gloria Callus qed tagħmel talba biex il-Kunsill jiffinanzja t-trasport tal-attivitajiet li jsiru għall-persuni b'diżabilità matul is-sajf.

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill approva unanimament.

**6.6 Attività f'Ġieħ Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li flimkien mad-Dar tal-Providenza u l-Għaqda Kulturali Siġġiewi se tiġi organizzata serata kulturali fiċ-Ċentru Ċiviku nhar l-Erbgħa, 17 ta'Ġunju. L-inviti se jintbagħtu fil-jiem li ġejjin.

**6.7 Bollard fi Triq Salavatore Borg Olivier**

Il-Kunsillier Julian Borg ippropona li biex jitnaqqas il-periklu il-Kunsill għandu jipproponi lil Transport Malta li fi Triq Salvatore Borg Olivier kantuniera ma' Triq Santa Margerita isiru *sprinnback bollards*.
Il-Kunsillier Domnic Grech issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.8 Proġett ta' rinovazzjoni tal-Playing Field fi Triq Pietru Felici/Triq Dr Nikola Zammit**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien avviċinat minn diversi residenti li huma ippreokkupati dwar l-imsemmi proġett.
Is-Sindku qal li tista' tiġi organizzata laqgħa għal dawk interessati li matulha jii mfiehem il-proġett.

**6.9 Triq Ta' Kandja**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li fl-imsemmija triq hemm diversi ħofor li jinħtieġu manutenzjoni. Is-Sindku qal li jidher ċar li almenu fl-ewwel parti, it-triq qed iċċedi. Dan jirriżulta mill-ammont sostanzjali ta' traffiku li żdiet minn kemm ilha li l-Kunsill kesa bit-tarmac il-wiċċ tat-triq. Huwa għalhekk għandha tkun diskussa l-possibillità li din it-triq titranġa minn Transport Malta.

**6.10 Double yellow lines fi Triq Blat-il Qamar**

Il-Kunsillier Domnic Gech issuġġerixxa li jsiru double yellow line fi Triq Blat-il Qamar kantuniera ma' Triq Ġużeppi Busuttil.

**6.11 Latrina Pubblika Għar Lapsi**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ikkumenta dwar il-ħtieġa ta' manteniment tal-latrina f'Għar Lapsi fosthom nuqqas ta' serraturi fil-bibien.

Is-Sindku qal li sakemm tinstab soluzzjoni permanenti, jidher ċar li hemm il-ħtieġa li jitwaqqa' l-garage ta' wara minħabba li jista' jkun ta' periklu. Huwa għalhekk kienet se ssir applikazzjoni mal-MEPA.

**6.12 Rendikont ta' konkos mogħti lill-bdiewa**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar talab lis-sindku rendikont dwar in-numru ta' bdiewa li ingħataw il-konkos kif ukoll l-ammont li ingħata.
Is-Sindku qal li hemm ammont ta' bdiewa li għalkemm ġew avżati li huma intitolati għadhom ma ikkuntattjawx lis-*supplier* tal-concrete. L-istaff tal-Kunsill qed isegwi l-materja mal-istess *supplier.*

**6.13 Pjanti biswit il-kappella ta' San Mark**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm persuni li qed iressqu dawn il-pjanti biex ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom bil-konsegwenza li jingħalaq l-aċċess.
Is-Sindku qal li kien se jagħti ordni lill-kuntrattur biex dawn il-pjanti jitneħħew.

**6.14 Ħsarat fil-vettura tal-ħaddiem tal-IPSL**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li billi l-ħaddiem tal-IPSL jagħmel użu fuq ix-xogħol mill-vettura personali tiegħu, u billi wettaq xi ħsarat fil-vettura, kien qed jitlob kumpens ta' €200.

Is-Sindku qal li għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**6.15 Ħofra fi Triq Dun Manwel Zammit**

Il-Kunsillier Domnic Grech ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-ħofra li hemm fl-imsemmija triq. Is-Sindku fakkar li rigward din il-materja hemm każ pendenti l-qorti. Huwa kompla jgħid li għandu jiġi ikkuntattjat is-sid biex possibilment itella' filata oħra u jerġa' jagħme il-*cats' eyes.*

**6.16 Talba mill-Każin Banda San Nikola**

Is-Sindku qal li l-Każin Banda San Nikola se jorganizzaw attività kulturali fejn qed jitolbu l-għajuna tal-Kunsill bħalma hu self ta' stands, promozzjoni, eċċ.,
Huwa ippropona li din l-għajnuna għandha tingħata.
Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.17 Heavy Vehicles fdi Triq Santa Margerita**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li fi Triq Santa Margerita minn Triq Ħal Niklusi għal Pjazza qed jidħlu diversi vetturi kbar biex jagħtu servizz imma li qed ikunu kawża ta' inkonvenjent kbir kif ukoll ħsara fi proprjetà privata.

Is-Sindku qal li kemm-il darba ġibed l-attenzjoni lill-propjetarju fejn qegħdin isiru xogħol ta' rinovazzjoni. Jidher li x-xogħolijiet dalwaqt jaslu fit-tmiem tagħhom.

**6.18 Ħaddiema addizzjonali tal-IPSL**

Il-Kunsillier Domnic Grech staqsa jekk hux possibli li ssir talba għal ħaddiem addizzjonali tal-IPSL.
Is-Sindku wieġeb li din it-talba saret diversi drabi, b'mod partikolari minn meta minn tliet ħaddiema manwali spiċċajna b'wieħed. It-tweġiba kienet dejjem waħda negattiva. Hu appella biex jekk tista' jkun issir pressjoni ħalli l-ħaddiem tagħna ma jibqax waħdu.

**6.19 Double yellow line fi Triq Ta'Brija**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill ilment Min Ms Vanessa D'Anastasi dwar il-ħtieġa ta' double yellow line faċċata tal-proprjetà tagħħa fi Triq Ta' Brija, minħabba li meta jkun hemm vettura ipparkjata ma tkunx tista' toħroġ il-vettura mill-garage tagħħa. Rigward din il-materja ikkumenta wkoll il-Kunsillier Domnic Grech li fis-seduta li jmiss ħa jipprovdi aktar dettalji.

**6.20 Talba biex tiġi spustjata road hump fi Triq Dr Nikola Zammit**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kellu talba biex road hump partikolari. Is-Sindku qal li din il-materja ġiet diskussa kemm-il darba f'seduti oħrajn u huwa diffiċli ferm biex tinstab soluzzjoni.

**6.21 Maniġġjar tat-traffiku fi Triq in-Nirien**

Il-Kunsillier Dominic Grech issuġġerixxa li Triq Karmenu Vassallo sabiex tigi one way għal heavy vehicles li jkunu telgħin min-naha ta' Triq Wied Xkora. Is-Sindku ikkumenta li suppost hemm tabella li tindikata li m'hemmx aċċess għall-vetturi kbar. Hu se jara din il-materja mal-Works Manger.

**6.22 Mera fi Triq il-Knisja l-Qadima faċċata ta' Triq l-Imqabba**

Il-Kunsillier Domnic Grech issuġġerixxa li ssir mera fl-imsemmi sit, biswit l-istabbilment ta' Simon Cassar, biex jitjieb l-aċċess f'garage li hemm fi Triq l-Imqabba.

**6.23 Talba għal għeluq ta'aċċess fi Triq Manwel Bonnici**

Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li kellu talba biex jingħalaq l-aċċess ta' Triq Manwel Bonnici għal Triq Ta' Brija

Is-Sindku qal li din il-materja kienet ġiet diskussa diversi drabi saħansitra saret konsultazzjoni mar-residenti li bl-eċċezzjoni ta' residenza waħda, kollha kienu kontra li jsir dan l-arranġament.

**6.24 Fond tar-Reġjun rigward sinjali tat-traffiku**

Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa jekk il-Kunsill hux qed jutilizza l-fond tar-Reġjun rigward is-sinjali tat-traffiku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-9.15pm u ippropona li s-seduta li jmiss bin-numru 303 titlaqqa' **il-Ħamis, 25 ta' Ġunju fil-5.00pm.** Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 25 ta' Ġunju, 2015**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 302**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 4/5/15-4/6/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | employees | 5443.73 | 5443.73 | d | pf | salaries may15 | 29.5.15 | | | | 1200 | 0 |
| 2 | ell's | 10628.67 | 10628.67 | t | pf | patching various non urban roads | 14.2.15 | 441 | lcs34/12 | | 2310 | 10851 |
| 3 | emidius camilleri | 551.63 | 551.63 | t | pf | pc april15 | 6.5.15 | 18 | lcs24/13 | | 3053 | 10819 |
| 4 | arms | 413.98 | 413.98 | d | pf | salvu borg olivier 10/12/14-5/3/15 | 21.5.15 | 20293455 | | | 2130 | |
| 5 | access point | 306.80 | 306.80 | d | pf | it virtual pack may15 | 4.5.15 | 5587 | | | 3110 | 10850 |
| 6 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 5.5.15 | 603809 | | | 2670 | 10823 |
| 7 | dr ian micallef | 35.40 | 35.40 | d | pf | gurament sindku/vici sindku | 4.5.15 | 2/15. | | | 3140 | 10849 |
| 8 | greenlines | 188.80 | 188.80 | d | pf | hire of mobile toilets mixghela | 30.4.15 | 28304 | | 43/15 | 3374 | 10848 |
| 9 | melita | 35.00 | 35.00 | d | pf | triq salvu borg olivier | 1.4.15 | 101236680 | | | 3111 | 10826 |
| 10 | melita | 35.31 | 35.31 | d | pf | triq salvu borg olivier | 1.3.15 | 10545280 | | | 3111 | 10826 |
| 11 | melita | 56.76 | 56.76 | d | pf | triq salvu borg olivier installation | 1.2.15 | 100965803 | | | 3111 | 10826 |
| 12 | melita | 35.00 | 35.00 | d | pf | triq salvu borg olivier | 1.5.15 | 101331296 | | | 3111 | 10826 |
| 13 | melita | 26.10 | 26.10 | d | pf | tv connection may15 | 1.5.15 | 101330136 | | | 3111 | 10827 |
| 14 | melita | 35.00 | 35.00 | d | pf | triq patri guze delia | 1.4.15 | 101236682 | | | 3111 | 10825 |
| 15 | melita | 35.00 | 35.00 | d | pf | triq patri guze delia | 1.5.15 | 101331298 | | | 3111 | 10825 |
| 16 | melita | 35.31 | 35.31 | d | pf | triq patri guze delia | 1.2.15 | 100965805 | | | 3111 | 10825 |
| 17 | melita | 89.99 | 89.99 | d | pf | triq patri guze delia installation | 1.1.15 | 100827129 | | | 3111 | 10825 |
| 18 | melita | 35.31 | 35.31 | d | pf | triq patri guze delia | 1.3.15 | 101101474 | | | 3111 | 10825 |
| 19 | tony pace | 250.00 | 250.00 | d | pf | repair at public conveniences | 7.5.15 | 37 | | | 2370 | 10847 |
| 20 | go | 89.83 | 89.83 | d | pf | 21468874 may15 | 5.5.15 | 43038968 | | | 2160 | 10834 |
| | **Sub Total c/f** | **€18,340.36** | **€18,340.36** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,340.36** | **€18,340.36** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 302 tal--4/6/15**

Kunsillier

**Data:** **4/5/15-4/6/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | go | 74.00 | 74.00 | d | pf | 21466000/21466036 may15 | 5.5.15 | 43038969 | | | 2160 | 10834 |
| 22 | go | 37.57 | 37.57 | d | pf | 21465799/21465805 may15 | 5.5.15 | 43039035 | | | 2160 | 10834 |
| 23 | go | 15.58 | 15.58 | d | pf | 21462946 may15 | 5.5.15 | 43038933 | | | 2160 | 10834 |
| 24 | vodafone | 62.58 | 62.58 | d | pf | 99491670 april15 | 1.5.15 | 4615613052015 | | | 2160 | 10843 |
| 25 | nvc | 310.80 | 310.80 | d | pf | operating materials mixghela | 30.3.15 | 5724 | | | 2210 | 10846 |
| 26 | nvc | 150.75 | 150.75 | d | pf | operating materials mixghela | 30.3.15 | 5728 | | | 2210 | 10846 |
| 27 | smart office supplies | 104.43 | 104.43 | d | pf | stationery | 8.5.15 | 21821 | | po69/15 | 2620 | 10824 |
| 28 | correct termination | 1032.50 | 1032.50 | d | pf | streaming maint agree 1/5/15-30/4/16 | 7.5.15 | 150515 | | | 3110 | 10845 |
| 29 | ta frenc | 14.00 | 14.00 | d | pf | pesticide powder | 12.5.15 | 8 | | | 2210 | 10844 |
| 30 | waste collection ltd | 4273.79 | 4273.79 | t | pf | collection of waste May15 | 31.5.15 | 15/207. | | | 3041 | 10830 |
| 31 | colours of the rainbow | 20.00 | 20.00 | d | pf | funeral wreath (mrs vassallo) | 28.4.15 | 22 | | | 3180 | 10836 |
| 32 | vodafone | 93.60 | 93.60 | d | pf | 99762218 april15 | 1.5.15 | 4615614052015 | | | 2160 | 10843 |
| 33 | mifsud garage | 47.20 | 47.20 | d | pf | transport hatra 29/4/15 | 13.5.15 | 26660 | | | 2720 | 10842 |
| 34 | regjun nofsinhar | 45.00 | 45.00 | d | pf | LGA meeting fee 22/5/15 | | 22/5/15. | | | 3320 | 10832 |
| 35 | bristow potteries | 116.47 | 116.47 | d | pf | street name plague | 14.5.15 | 1564 | | | 2371 | 10841 |
| 36 | mita | 823.75 | 823.75 | d | pf | wide area connectivity jan-june15 | 18.5.15 | sin032006 | | | 3111 | 10835 |
| 37 | fgl ltd | 41.30 | 41.30 | d | pf | forestals - maintenance outdoor gym | 28.3.15 | 17192 | | | 2370 | 10840 |
| 38 | smart office supplies | 106.56 | 106.56 | d | pf | stationery | 20.5.15 | 22433 | | po72/15 | 2620 | 10824 |
| 39 | anton zarb | 2199.52 | 2199.52 | d | pf | supply and installation of bins | 18.3.15 | az21-15 | | po4/15 | 2371 | 10839 |
| 40 | dr richard sladden | 94.40 | 94.40 | d | pf | case xuereb bros | 15.5.15 | rs28/15 | | | 3140 | 10838 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,663.80** | **€9,663.80** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€18,340.36** | **€18,340.36** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€28,004.16** | **€28,004.16** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 302 tal--4/6/15**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 302**

**Data: 4/5/15-4/6/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | floriana car park | 3.00 | 3.00 | d | pf | parking seminar GPP | 19.5.15 | 21743 | | | 3320 | |
| 42 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser | 19.5.15 | 605115 | | | 2670 | 10823 |
| 43 | mepa | 100.00 | 100.00 | d | pf | appeals PA/07826/06 site tal-qanpiena | 19.5.15 | PA/07826/06 | | | 3140 | 10810 |
| 44 | mayor | 705.05 | 705.05 | d | pf | honoraria may15 | | | | | 1100 | |
| 45 | avantech | 184.47 | 184.47 | d | pf | maintenance photocopier | 18.5.15 | 185845 | | | 3110 | 10821 |
| 46 | mita | 4.97 | 4.97 | d | pf | email accounts jan-mar15 | 26.5.15 | son032107 | | | 3111 | 10835 |
| 47 | david grima | 80.00 | 80.00 | d | pf | fuel expenses may15 | 29.5.15 | | | | 2760 | 10844 |
| 48 | n.baldacchino | 97.00 | 97.00 | d | pf | fuel expenses may15 | 29.5.15 | | | | 2760 | 10833 |
| 49 | akl | 197.00 | 197.00 | d | pf | additions medical insurance new councill | 29.5.15 | | lcs5/15 | | 3030 | 10872 |
| 50 | smart office supplies | 24.07 | 24.07 | d | pf | stationery po72/15 | 25.5.15 | 22644 | | po72/15 | 2620 | 10824 |
| 51 | kazin banda san nikola | 890.00 | 890.00 | d | pf | servizz ta' banda mixghela | 23.3.15 | 1008 | | | 3374 | 10831 |
| 52 | arms | 184.81 | 184.81 | d | pf | pole triq salvu borg olivier 6/3/15-5/5/15 | 12.6.15 | 20402016 | | | 2130 | 10818 |
| 53 | guard& warden | 221.76 | 221.76 | d | pf | service old church (muzew) str | 1.5.15 | GS002030 | | | 3191 | 10829 |
| 54 | police | 419.32 | 419.32 | d | pf | service festa bebbux | 25.5.15 | 59392 | | | 3370 | 10828 |
| 55 | avantech | 38.01 | 38.01 | d | pf | maintenance photocopier | 27.5.15 | 186070 | | | 3110 | 10821 |
| 56 | arms | 67.33 | 67.33 | d | pf | gnejnet l-armonija 18/11/15-8/5/15 | 14.6.15 | 20421153 | | | 2130 | 10818 |
| 57 | anotnia aquilina | 131.40 | 131.40 | d | pf | library attendant may15 20hrsx6.57 | 1.6.15 | 5/15. | | | 2995 | 10820 |
| 58 | emidius camilleri | 551.53 | 551.53 | t | pf | pc may15 | 2.6.15 | 19 | lcs24/13 | | 3053 | 10819 |
| 59 | emidius camilleri | 48.00 | 48.00 | t | pf | pc extra hours festa nar/festa bebbux | 2.6.15 | 20 | | | 3053 | 10819 |
| 60 | arms | 204.83 | 204.83 | d | pf | bowling pitch 7/3/15-8/5/15 | 14.6.15 | 20421085 | | | 2130 | 10818 |
| | **Sub Total c/f** | **€4,169.55** | **€4,169.55** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€4,169.55** | **€4,169.55** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 302 tal--4/6/15**

0 Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 302**

**Data: 4/5/15-4/6/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | ronald bezzina | 550.00 | 550.00 | t | pf | extra sweeping feata bebbux | 1.6.15 | 1.6.15 | | | 3051 | 10817 |
| 62 | ronald bezzina | 2770.73 | 2770.73 | t | pf | street sweeping may15 | 1.6.15 | 29 | lcs13/12 | | 3051 | 10817 |
| 63 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | street sweeping april15 | 1.6.15 | 28 | lcs13/12 | | 3051 | 10817 |
| 64 | synthesis ltd | 826.00 | 826.00 | t | pf | supervisor of works may15 | 2.6.15 | lc-020 | | | 3120 | 10852 |
| 65 | wurth | 45.31 | 45.31 | d | pf | electrical supplies shelters | 29.5.15 | 508823 | | po73/15 | 3050 | 10814 |
| 66 | louis stationery | 197.50 | 197.50 | d | pf | newspapers Jan-may15 | 31.5.15 | 337 | | | 2950 | 10813 |
| 67 | louis stationery | 172.55 | 172.55 | d | pf | postage stamps | 18.5.15 | 338 | | | 2650 | 10813 |
| 68 | natasha mizzi | 354.00 | 354.00 | k | pf | cleaning council premises may15 | 3.6.15 | 5/15. | lcs29/12 | | 3055 | 10815 |
| 69 | natasha mizzi | 15.14 | 15.14 | k | pf | detergents | 26.5.15 | 35010 | | | 2220 | 10815 |
| 70 | kazin badna san nikola | 407.96 | 407.96 | d | pf | fluorescent jackets with print mixghela | 23.3.15 | | | | 3374 | 10831 |
| 71 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | t | pf | planting public sapces may15 | 29.5.15 | 42 | lcs18/12 | | 3061 | 10837 |
| 72 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban april15 | 1.6.15 | 29 | lcs10/14 | | 3052 | 10822 |
| 73 | milord | 3879.17 | 3879.17 | t | pf | cleaning non urban may15 | 1.6.15 | 28 | lcs10/14 | | 3052 | 10822 |
| 74 | cir | 2639.76 | 2639.76 | d | pf | cir - april15 | 1.5.15 | | | | | 10822 |
| 75 | | | | | | | | | | | | |
| 76 | | | | | | | | | | | | |
| 77 | | | | | | | | | | | | |
| 78 | | | | | | | | | | | | |
| 79 | | | | | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€21,218.12** | **€21,218.12** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,218.12** | **€21,218.12** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 302 tal--4/6/15**

Kunsillier